MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Numru 99999/6666

Il- Pulizija

-vs-

Francis Bezzina

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba konta l- imsemmi Francis Bezzina ta' 41 sena bin Paul u Doris nee' Sciberras imwieled Pieta' u joqghod 'Maric House', Labour Avenue, Naxxar, ID card 141165M.

Akkuzat talli:

1. f' dawn il- gzejjer f' dawn l- ahhar xhur, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzjoni

ikkommetta diversi reati ai termini tal- artikolu 18 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2. Akkuzat ukoll talli f’ Hal Ballal, limiti ta’ Birkirkara fil- lejl ta’ bejn l- 4 u l- 5 ta’ Ottubru, 2000 ikkometta serq ta’ diversi apparat tal- kompojuters, xorb u oggetti ohra, li l- valur taghhom jeccedi l- valur ta’ Lm 1,000 ghad- dannu ta’ Rueben Farrugia u/jew il- kumpanija Farsons., liema serq huwa aggravate bil- mezz, hin u valur.

3. Akkuzat ukoll talli fit- 2 ta’ Ottubru, 2000 jew fil- jiem ta’ qabel minn ‘Casa D’ Arte’ Labour Road, Naxxar matur il- gurnata kkometta serq ta’ diversi ghoddod li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1,000 ghad- dannu ta’ George Pace liema serq huwa aggravate bil- valur u mezz.

4. Akkuzat ukoll talli fit- 30 ta’ Settembru, 2000 minn Garage li huwa sitwat gewwa Mdina Road, Zebbug matul il- gurnata, kkometta serq ta’ diversi ghodod li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad- dannu ta’ John Bonello minn Haz Zebbug liema sewq huwa aggravate bil- mezz, u valur.

5. Akkuzat ukoll talli, fil- 11 ta’ Ottubru, 2000 u fil- granet ta’ qabel mill- Mriehel, limiti ta’ Hal Qormi, matul il- gurnata kkometta serq ta’ magna tal- gebel u cioe ‘Bend Saw’ li tiswa aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000, ghad- dannu ta’ Saviour Agius mill- Iklin, liema serq huwa aggravati bil- mezz, u valur.

6. Akkuzat ukoll talli fil- Mizieb fix- xahar ta’ Awissu matul il- gurnata, ikkometta serq ta’ pomp ital- bexx u ta’ ilma kif ukoll xi fniek li jiswew aktar minn Lm 100, zida anqas minn Lm 1000, ghad- dannu ta’ Karmenu Galea, liema serq huwa aggravate bil- lok u l- valur.

7. Akkuzat ukoll talli f’ dawn l- ahhar xhur flimkien ma persuni ohra, f’ diversi lokalitajiet ta’ Malta, f’ hinijiet differenti ikkometta diversi serq ta’ horoz u gebel iehor, li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad dannu ta’ diversi sidien.

8. Akkuzat ukoll talli fit- 18 ta’ Frar, 2001 minn Benny’s Antiques sitwat f’ Hal Balzan, fil- ghaxija, ikkometta serq ta’ diversi oggetti antiki, fosthom arlogg u gandlieri li jiswew aktar minn Lm 1000 ghad- dannu ta’ Winston Cumbo Pillow liema serq huwa aggravate bil- mezz, valur u hin.

9. Akkuzat ukoll talli fil- Mosta mil- hanut ta’ Natu li huwa sitwat fi Triq il- Kungress, ikkometta serq ta’ diversi kaxxi tal- luminata, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm 50 ghad- dannu tas- sidien rispettiv tieghu, liema serq huwa aggravate bil- mezz u l- hin.

10. Akkuzat ukoll talli fl- istess dati, f’ diversi lokalitajiet f’ hinijiet differenti, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara tiskorri s- soma ta’ Lm 50 izda anqas minn Lm 500, ghad- dannu tas- sidien rispettibvi taghhom.

11. Akkuzat ukoll talli fis- 7 ta’ Frar 2001 minn Burmarrad bil- lejl ikkometta serq ta’ pompa ta’ l- ilma u tal- bexx li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad- dannu ta’ Giovanni Camilleri liema serq huwa aggravate bil- valur, hin u lok.

12. Nakkuzawh ukoll talli fit- 23 ta’ Frar, 2001 minn Naxxar matul il- gurnata ikkometta serq ta’ mutur tal- ghamla Triumph bla numru tar- registrazzjoni li l- valur tieghu jeccedi l- valur ta’ Lm 50 ghad- dannu ta’ Carlo Attard jew terzi persuni.

13. Akkuzat ukoll talli fl- istess dati, zminijiet u cirkostanzi laqgha ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b’qerq, liema oggetti gew akkwistati b’ reati sew jekk dawn saru f’ Malta, jew barra minn Malta jew xjentament, b’ kull mod li jkun indahal biex ibiehhom jew imexxihom.

14. Akkuzat ukoll talli huwa jinsab ricediv b’ diversi sentenzi liema sentenzi huwa definitive u li ma jisthghux jigu mhassra jew mibdula.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Ikkonfermat il- hatra ta’ l- esperti li halfu quddiema dak li wettqu, kif xehedu ukoll il- misruqa.

Ikkunsidrat,

1. L- Avukat Generali ghar- Reppublika qed jixli lill- akkuzat b’ atti maghmula b’ intenzjoni wahda (art 18), ta’ serq (art 261) aggravat bil- mezz, bil- valur, bil- lok (e), hin (f) hekk kif imfissra fl- artikoli 263, 267, 269, 270, 278, 279. Ukoll bi hsara ta’ hwejjeg haddiehor (art 325), u b’ ricettazzjoni (art. 334). L- akkuzat ghamel zewg stqarrijiet ghax ried u skond il- ligi.

2. L- akkuzat wettaq diversi serqiet ghad- dannu ta’ haddiehor u hsara fil- propjeta’ ta’ haddierhor kif jirrisulta mill- istqarrija tieghu stess principarjalment, u min xhieda ohra. L- akkuzat jisraq u wara jbiegh. Juza id- droga.

1. L- ewwel akkuza:

“F’ ta’ Balall, limiti ta’ Birkirkara fil- lejl ta’ bejn l- 4 u l- 5 ta’ Ottubru, 2000 ikkometta serq ta’ diversi apparat tal- kompjuters, xorb u oggetti ohra, li l- valur taghhom jeccedi l- valur ta’ Lm 1,000 ghad- dannu ta’ Rueben Farrugia u/jew il- kumpanija Farsons., liema serq huwa aggravat bil- mezz, hin u valur.”

Fl- istqarrija tat- 8 ta’ Ottubru 2000 l- akkuzat jghid li seraq agent tal- birra. Imhabba diffikultajiet finanzjarji mar b’ karozza, Fiat li hi tieghu. Sgassa bieb ta’ l- aluminium,

dahal f’ ufficini u seraq apparat ta’ kompjuters u apparat ta’ ufficju: ‘dak kollu li stajt nisraq jien garrejt’. Ha kaxxi ta’ birra, kaxxi ohra minn fuq it- trakkijiet ghamel zewg vaggi. Jghid li kien wahdu u lil min ghadda l- affarjiet. Jeskludi li f’ din is- serqa li grat wara t- 8.30p.m. kien hemm affarjiet ohra. Ix- xhud Jeffrey Borg (fol 115-116) stqarr li dak li ttiehed kien iqum mat- Lm 3000. Mario Falzon qabbel x’ kien fadal fil- fond ma dak li kien hemm qabel (fol 117-119). Xehed ukoll Rueben Mercieca dwar dak li nstab nieqes. (fol 146-148). Mill- process verbal dwar din is- serqa jirrizulta li dak li nsteraq kien ta’ madwar Lm 4,587.43. Il- hsara kienet ta’ anqas minn Lm 10. Is- serqa ma saritx minn persuna wahda. Fit- tieni stqarrija tieghu l- akkuzat qal li kien jisraq ma’ certu Terence maghruf bhala l- Buzzu (fol 28-32).

2. It- tieni akkuza:

“Fit- 2 ta’ Ottubru, 2000 jew fil- jiem ta’ qabel minn ‘Casa D’ Arte’ Labour Road, Naxxar matur il- gurnata kkometta serq ta’ diversi ghoddod li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1,000 ghad- dannu ta’ George Pace liema serq huwa aggravate bil- valur u mezz.”

F’ dan il- kaz l- akkuzat ghen lil pulizija billi mhux biss qal minn fejn saret is- serqa izda ukoll fejn kienu l- oggetti. Gew irkuprati ‘Bend saw’, pompa ta’ l- ilma, dwar il- horoz.

Xehed fuq din is- serqa Raymond Spiteri li ghadda minn proceduri kriminali. Dan xtara minghand l- akkuzat u l- imsemmi Terence ‘Bend Saw’ bil- prezz ta’ Lm 120 u muturi bil- prezz ta’ Lm 40 u “kien hemm ukoll spanners u affarjiet irqaq.” Il- flus inqasmu bejn Bezzina u Terence. Lil George Pace sarulu zewg serqiet. Ix- xhieda ta’ Pace mhux cara, imma hemm l- istqarrija ta’ l- akkuzat u Spiteri.

3. It- tielet akkuza:

“Fit- 30 ta’ Settembru, 2000 minn Garage li huwa sitwat gewwa Mdina Road, Zebbug matul il- gurnata, kkometta serq ta’ diversi ghodod li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad- dannu ta’ John Bonello minn

Haz Zebbug liema sewq huwa aggravata bil- mezz, u valur."

Fl- istqarrija tieghu l- akkuzat ta' dettalji kollha, ammetta, qal min kien mieghu kif qal kif inbieghu l- oggetti misruqa (fol 30). Il- persuna misruqa John Bonello ma ttellghetx tixhed.

4. Ir- raba' akkuza:

"Fil- 11 ta' Ottubru, 2000 u fil- granet ta' qabel mill- Mriehel, limiti ta' Hal Qormi, matul il- gurnata kkometta serq ta' magna tal- gebel u cioe 'Bend Saw' li tiswa aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000, ghad- dannu ta' Saviour Agius mill- Iklin, liema serq huwa aggravate bil- mezz, u valur."

Dwar din is- serqa wkoll hemm ammissjoni mill- akkuzat li ta' xi dettalji dwarha lill- pulizija (fol 30).

5. Il- hames akkuza;

"Fil- Mizieb fix- xahar ta' Awissu matul il- gurnata, ikkometta serq ta' pomp ital- bexx u ta' ilma kif ukoll xi fniek li jiswew aktar minn Lm 100, zida anqas minn Lm 1000, ghad- dannu ta' Karmenu Galea, liema serq huwa aggravat bil- lok u l- valur."

Skond l- istqarrija l- akkuzat qabez go ghalqa, zarma mutur tal- bexx, iehor ta' l- ilma. Il- persuna misruqa, Carmelo Galea xehed quddiem il- Qorti. Semma l- affarjiet misruqa li jqumu Lm 250, tnejn mhux tlieta. Dawn instabu mill- pulizija. Il- frieh (50) ghebu. (seduta 24 ta' Ottubru 2001).

6. Is- sitt akkuza:

"Talli f' dawn l- ahhar xhur flimkien ma persuni ohra, f' diversi lokalitajiet ta' Malta, f' hinijiet differenti ikkometta diversi serq ta' horoz u gebel iehor, li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad dannu ta' diversi sidien."

Dwar din l- akkuza hemm ammissjoni wkoll. L- akkuzat flimkien ma certu Victor Buttigieg kien idur fil- kampanja, jahtaf u jiehu fl- inhawi ta’ Haz Zebbug u Salib il- Gholja.

7. Is- seba akkuza:

“Talli fit- 18 ta’ Frar, 2001 minn Benny’s Antiques sitwat f’ Hal Balzan, fil- ghaxija, ikkometta serq ta’ diversi oggetti antiki, fosthom arlogg u gandlieri li jiswew aktar minn Lm 1000 ghad- dannu ta’ Winston Cumbo Pillow liema serq huwa aggravat bil- mezz, valur u hin.”

L- akkuzat fit- tieni stqarrija (37) tieghu jammetti li ftit wara t- 8.30p.m. sgassa katnazz b’ bicca hadida li kien sab u dahal fil- hanut u ha arlogg u gandlier u xejn izjed. Hawnhekk jghid li baghtu Omar Caruana li kisser il- bozoz tal- gandlier. Jaghti grajja twila ta’ x’ gara wara s- serqa. F’ dan il- kaz saret inkjesta kif saret fl- ewwel serqa.

Gie mghoti lill- Qorti bil- gurament li l- hsara kienet ta’ Lm 2 u dak misruq kien iqum Lm 1,600.

Fit- 18 ta’ Frar 2001 il- Kuntistabbli numru 13, Joseph Cauchi irceva telefonata dwar ragel li kien qed idur jara showrooms. Hareg mill- ghassa, rah, mexa warajh, kellmu, talbu t- taghrif mehtieg izda wara rrizulta li r- residenza kienet talza. Wara sab li kien l- akkuzat. Kienet cemplitlu bint il- propjetarju. L- ghada, il- katnazza kien imqaccat (137A). Il- propjetaru u bintu gharfu lill- akkuzat. It- tnejn xehdu quddiem il- Qorti.

8. It- Tmien akkuza:

“Talli fil- Mosta mil- hanut ta’ Natu li huwa sitwat fi Triq il- Kungress, ikkometta serq ta’ diversi kaxxi tal- luminata, li huma stmati li jiswew aktar minn Lm 50 ghad- dannu tas- sidien rispettiv tieghu, liema serq huwa aggravat bil- mezz u l- hin.”

Issir referenza ghall- istqarrija ta’ l- akkuzat a fol 30 fejn jghid li qabez xatba baxxa u ha madwar erbatax il- kaxxa Coca Cola li wara bieh.

9. Id- disa’ akkuza:

“Talli fl- istess dati, f’ diversi lokalitajiet f’ hinijiet differenti, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara tiskorri s- soma ta’ Lm 50 izda anqas minn Lm 500, ghad- dannu tas- sidien rispettibvi taghhom.”

Dwar l- ewwel serqa l- hsara giet stmata bhala anqas minn Lm 10 (fol 51). Fis- seba’ serqa kienet ta’ Lm 2. Dwar hsarat ohra ma’ jirrizulta xejn. Il- hsara ghalhekk tammonta ghal Lm 10.

10. L- ghaxar akkuza:

“Talli fis- 7 ta’ Frar 2001 minn Burmarrad bil- lejl ikkometta serq ta’ pompa ta’ l- ilma u tal- bexx li jiswew aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad- dannu ta’ Giovanni Camilleri liema serq huwa aggravat bil- valur, hin u lok.”

Mill- gdid ghal istqarrija fejn hemm ammissjoni dwar din l- akkuza bid- data u xi flus dahhal l- akkuzat.

11. Il- hdax l- akkuza:

“Talli fit- 23 ta’ Frar, 2001 minn Naxxar matul il- gurnata ikkometta serq ta’ mutur tal- ghamla Triumph bla numru tar- registrazzjoni li l- valur tieghu jeccedi l- valur ta’ Lm 50 ghad- dannu ta’ Carlo Attard jew terzi persuni.”

Reat iehor ammess mill- akkuzat (fol 31).

12. It- tnax il- akkuza:

“Talli fl- istess dati, zminijiet u cirkostanzi laqgha ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b’qerq, liema oggetti gew akkwistati b’ reati sew jekk dawn saru f’ Malta,

jew barra minn Malta jew xjentament, b' kull mod li jkun indahal biex ibiehhom jew imexxihom."

Din l- akkuza ta' ricettazjonijiet ma tirrizultax ghax l-akkuzat kien hu li seraq imbghad sab ricettaturi. Qed jigi mehlus minnha.

13. L- ahhar akkuza hi ta' ricediva wara diversi sentenzi giet prezentata sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (diversament preseduta) fejn l- akkuzat u persuna ohra fis- 27 ta' Gunju 1997, nstabu hatja ta' serq ta' aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 aggravat bil- mezz u l- valur. L- akkuzat kien ammetta l- akkuza flimkien ma' akkuza ohra ta' ricediva. Gie kkundannat Lm 250 multa bl- applikazzjoni tal- art 21 tal- Kap 9. Jirrizulta li l- akkuzat hu ricediv.

Ghalhekk il- Qorti ssib lill- akkuzat hati ta' l- ewwel akkuza, tat- tieni, tat- tielet, tar- raba', tal- hames, tas-sitta, tas- seba', tat- tmienja, tad- disa' fl- ammont ta' Lm 10, tal- ghaxra, tal- hdax. Tat- Tnax mhux hati u qed jinheles minnha. Jirrizulta li l- akkuzat hu ricediv (ara fuq). Ir- reati saru bi hiseb wiehed.

Il- Qorti ssib lil akkuzat hati.

Rat l- art. 18, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325(d), 49, 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u tordna l-konfiska tal- vetturi li uza l- akkuzat biex ghamel ir- reati imsemmija. Jekk il- Pulizija fadalla xi oggetti li gew esebiti formalment quddiem il- Qorti jew jinstabu l- Qorti dawn ghandhom jinghataw lis- sidien taghhom. Billi l- art 533 tal- Kap 9 gie emendat waqt li kienu ghaddejin dawn il-proceduri u ghamel il- qaghda ta' kull min jinstab hati aktar gravuza m' hux ghalhekk applikabbli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------